# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 8

9 ta' Diċembru 2024

It-tminn (08) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2024 fis-5.45pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 8.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

8.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 8.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

8.2.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq il-minuti tas-seba' (7) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, SSH, NH, JH, JP )
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.2.3. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja nru 7.3.1 u staqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni minn Transport Malta rigward l-ilma li kien qed jinżamm f'dik it-triq. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

8.2.3.1. Il-Kunsilliera SSH fakkret li kellhom jiġu mnaddfa l-culverts. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira lill-kuntrattur.

8.2.4. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja nru 7.3.7 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Karnival. Is-SE wieġeb li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

8.2.5. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja nru 7.4.4 rigward il-plakek fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm risposta. Is-SE wieġeb li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

8.2.5.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet tkellmet mal-Ministru rigward il-plakek tal-funtani mkissrin u informatha li kienu qed jipprovaw isibu l-aħjar plakek biex ma jerġgħux jinkisru.

8.2.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 7.4.3 rigward il-proposta għal tpoġġija ta' ritratti antiki ta' Ġnien il-Mall.

8.2.6.1. Is-Sindku qal li kien talab li tintbagħat korrispondenza lill-MTA biex titneħħa l-mappa li hemm wara l-monument ta' Kristu Re u biex il-mappa li hemm preżentement tiġi tħares lejn il-Floriana.

8.2.6.2. Is-Sindku qal li xi snin ilu kien ippropona li ssir "Floriana then and now" fejn jintwera kif kienet il-Floriana qabel u llum.

8.2.6.3. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-mappa li hemm fix-xatt u ippropona li jikkonsulta mal-Kunsill tal-Belt Valletta biex issir mappa tal-lokalità hemmhekk ukoll.

8.2.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi risposta rigward il-linji s-sofor fi Triq is-Suq. Is-SE qal li kien bagħat għall-kwotazzjonijiet għal diversi xogħlijiet ta' żebgħa minħabba li dawn ma setgħux isiru mill-ħaddiema manwali iżda jridu jsiru bil-magna. Huwa kompla billi qal li kien għadu qed jistenna li jirċievi l-kwotazzjonijiet.

## 8.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

8.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward l-inizjattiva Rigal bi mħabba fejn ipproponew li jitpoġġew rigali taħt siġra fil-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li min jixtieq jista' jġib ir-rigali taħt is-siġra tal-Milied tad-Dar tal-Kunsill biex eventwalment jittieħdu Kastilja.

8.3.1.1. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill joħroġ €50 biex jixtri xi rigali hu wkoll. Il-Kunsill qabel.

8.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward applikazzjoni għal lukanda. Is-Sindku qal li kien talab li jiġi vverifikat jekk il-pjan lokali għadux li kien fejn postijiet residenzjali ma jistgħux jinbidlu f'postijiet kummerċjali. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna r-risposta tal-konsulenti tiegħu.

8.3.3. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand persuna Għawdxija li taħdem fil-lokalità u li talbet permess taħt l-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ġaladarba l-persuna mhux reġistrata bħala residenta fil-lokalità.

8.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-MICAS fejn ipproponew li jitneħħew xi spazji ta' parkeġġ minn quddiemhom. Kien hemm diskussjoni li wasslet għal żewġ proposti.

8.3.4.1. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta sabiex jitneħħew l-ispazji ta' parkeġġ kollha, issekondata mil-Kunsillier JH.

8.3.4.2. Il-Viċi Sindku JAE ressaq proposta biex jitneħħa spazju ta' parkeġġ wieħed biss, issekondata mil-Kunsilliera JP.

8.3.4.3. Ittieħed vot favur il-proposta mressqa mill-Kunsilliera SSH, bir-riżultat kien:

Favur: 3 (SSH, JH, NH)
Kontra: 2 (JAE, JP)

Għalhekk il-Kunsill qabel li jitneħħew l-ispazji ta' parkeġġ kollha. Is-Sindku qal li għandha tkun ċara li dawn ser jitneħħew mingħajr preġudizzju li dawn jerġgħu isiru f'każ li jkun hemm bżonn.

8.3.5. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand resident biex isir murali f'Xatt iċ-Ċangatura. Il-Kunsill qabel li filwaqt li jaqbel fil-prinċipju, għandu l-ewwel jiġi ċċarat magħhom x'ser jiġi mpinġi.

## 8.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

8.4.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa rigward iċ-ċirkolari bil-lista tad-dekasteri u ppropona li jiġu inklużi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Milied u l-awgurju għall-festi. Huwa ippropona wkoll li tiġi inkluża informazzjoni b'rabta mal-garaxxijiet. Is-Sindku ippropona li jkun hemm informazzjoni fuq is-sottokumitati.

8.4.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-istatwa tal-Kunċizzjoni. Is-Sindku qal li normalment dawn l-istatwi kienu jieħdu ħsiebhom persuni privati. Il-Kunsill qabel li għandu javviċina lis-Sur Stephen Tonna dwar din.

8.4.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-applikazzjoni tal-kafetterija fi Triq San Tumas u staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-SE talab li jiġi pprovdut il-PA number ħalli jkun jista' jivverifika.

8.4.4. Il-Kunsillier JH għamel riferenza għall-Triq l-Imħażen kantuniera ma' Pjazza Robert Samut u qal li minħabba li kienu tneħħew il-linji s-sofor, kienet qed tinħoloq sitwazzjoni fejn vetturi kbar ma jkunux jistgħu iduru. Il-Kunsill qabel li għandhom jerġgħu isiru l-linji sofor.

8.4.5. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-toqba li hemm quddiem il-Knisja ta' Sarria u qal li hemm bżonn li titranġa. Is-SE informa li għandu jibgħat talba sabiex din titranġa immedjatament.

8.4.6. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-ispralli li hemm fi Triq San Publju u qalet li meta ġew ikkuntattjati l-Enemalta, kienu informaw li għandu jiġi ikkuntattjat is-sid. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qal li għandu jkellem lis-sid u jara xi jkun l-eżitu.

8.4.7. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux waslu l-bins li kien hemm ordnati. Is-SE informa li d-dog bins kienu għadhom ma waslux iżda l-bins l-oħrajn kienu waslu u qed ikunu miżmuma l-garaxx sakemm tgħaddi l-attività tal-Milied li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

## 8.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

8.5.1. Ma kienx hemm rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

8.5.2. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex jattendu l-laqgħat tas-sottokumitati.

8.5.3. Is-Sindku kompla billi qal li s-sottokumitat ta' St Patrick's Day kien qed jaħdem ħafna.

8.5.4. Il-Kunsilliera JP ipproponiet li l-minuti tas-sottokumitati jibdew jintbagħatu ftit qabel minflok fil-ġurnata. Is-Sindku qal li wieħed irid iżomm f'moħħu li l-membri tas-sottokumitati kienu voluntiera.

8.5.5. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienux ġew ikkunsidrati kantanti oħra barra dak propost. Is-Sindku qal li d-deċiżjoni finali tiġi meħuda mil-Kunsill u għalhekk seta' jsir kuntatt dirett mas-segretarja jew xi membru tas-sottokumitat u jitressqu proposti alternattivi.

## 8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

8.6.1. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 06/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

8.6.2. Is-Sindku NH ippropona li għalkemm mhux kontra l-pagament innifsu, għandu jinżamm il-pagament dovut lill-Fergħa Armar ta' Barra sakemm ma jitneħħix imqar arblu wieħed. Wara li ddiskuta, il-Kunsill, b'eċċezzjoni tas-Sindku NH, ma qabilx li għandu jinżamm dan il-pagament.

8.6.3. Wara mozzjoni mressqa mill-JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota: 18:42 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

8.7 **APPROVAZZJONI TA' DOKUMENTI FINANZJARJI**

8.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ id-diskussjoni billi qal li jridu jiġu approvati ir-rapport tat-tielet kwart, l-estimi finanzjarji tas-sena 2025 u r-rapport finanzjarju awditjat tas-sena 2023.

8.7.2. Il-Kunsill approva dawn id-dokumenti finanzjarji b'mod unanimu.

**Nota: 18:44 Is-Sindku NH reġa' rritorna għal-laqgħa.**

8.8 **ĦSARAT FID-DWAL TA' ĠNIEN SIR LUIGI PREZIOSI**

8.8.1. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku JAE sabiex jispjega f'iktar dettall.

8.8.2. Il-Viċi Sindku JAE spjega li kien ġie avviċinat minn diversi persuni biex jitranġa d-dawl fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Għalhekk huwa ippropona li jinbidlu d-dwal sabiex jissewwew dawn il-ħsarat. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-inġinier sabiex jibda' l-proċess għall-irranġar tad-dawl .

8.8.3. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-funtana ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi. Is-SE qal li kien kellem lill-kuntrattur tas-soft areas biex jibgħat kwotazzjoni.

8.9 **DWAL DEKORATTIV MAL-LOĠOĠ TA' TRIQ SANT' ANNA**

8.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi staqsa jekk kienx sar xi avviċinament mil-Kunsill mal-Gvern rigward l-uplifters. Is-SE qali li jidhirlu li kienu tkellmu mal-inġiniera tal-Works Department.

8.9.2. Il-Kunsillier SSH qalet li hi kienet tkellmet ma' eks ministru dwar dan.

8.9.3. Il-Kunsillier SSH kompliet billi qalet li din il-materja setgħet titqajjem fil-laqgħa mal-Ministru Dalli. Il-Kunsill qabel.

8.10 **PROĠETT TRIQ L-ISQOF MAURO CARUANA**

8.10.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand resident li kiteb f'isem ir-residenti ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana.

8.10.2. Is-Sindku ressaq ukoll it-tweġiba tal-Avukat tal-Kunsill fir-rigward ta' din il-materja.

8.10.3. Wara li ddiskuta l-materja, il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-kuntrattur sabiex tiġi diskussa l-possibbiltà li l-ispiża titnaqqas għall-fondi li hemm għad-dispożizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lir-residenti dwar dan.

8.10.4. Is-Sindku ippropona li jitkomplew il-fanali ornamentali li baqa' fi Triq l-Iljun, il-parti ta' wara tal-Kurja. Il-Kunsill qabel.

## 8.11 BYE-LAW DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' GARAXXIJIET (KUNSILL LOKALI FLORIANA)

8.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ippreżenta l-abbozz tal-bye-law dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Garaxxijiet.

8.11.2. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku NH favur l-approvazzjoni ta' din il-bye-law, u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur din il-mozzjoni bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (NH, JP, SSH, JAE, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.11.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li qabel ma jitneħħew il-linji sofor, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinforma lis-sid ġaladarba jkun jaf min hu.

## 8.12 ARBLU TAL-BEJT TA' DAR IL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

8.12.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-bejt tad-Dar tal-Kunsill u ppropona li jsir arblu ta' qies medju.

8.12.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsir arblu ta' qies medju wara li jittieħed parir mil-Perit tal-Kunsill.

## 8.13 ESTENSJONI TAL-'LIFT' GĦALL-BEJT TA' DAR IL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

8.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi irrefera għal-lift eżistenti li hemm fid-Dar tal-Kunsill u ppropona li dan jiġi estiż għal fuq il-bejt.

8.13.2. Is-SE spjega li apparti l-ispiża tal-makkinarju, ikun hemm bżonn permessi kif ukoll spejjeż relatati mal-istruttura.

8.13.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima sabiex jara kemm tiġi tammonta l-ispiża.

## 8.14 FUNTANA TRITONI U VALLETTA WATERFRONT

8.14.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi ippropona li l-Kunsill jagħmel tentattiv biex il-funtana tirritorna lura fil-lokalità tal-Floriana.

8.14.2. Huwa kompla billi ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-Valletta Waterfront sabiex jiġi ikkunsidrat li l-isem jinbidel ġaladarba dan ma kienx qiegħed fil-lokalità tal-Belt Valletta.

8.14.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li xi snin ilu kien hemm proposta biex ikun hemm numru ta' mapep u information booths b'rabta mal-lokalità tal-Floriana fil-Waterfront. Huwa qal ukoll li kien hemm numru ta' sinjali tat-traffiku li kienu nqalgħu. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-awtoritajiet ikkonċernati.

## 8.15 ĠEMELLAĠĠ MA' BELT IRLANDIŻA

8.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li s-sottokumitat tar-relazzjonijiet internazzjonali kienu ressqu suġġeriment biex isir ġemellaġġ ma' Dunleer.

8.15.2. Huwa kompla billi qal li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill għandu jipprova li l-ġemellaġġ isir ma' Dublin u f'każ li dan ma jirnexxix, imbagħad ikunu jistgħu jiġu ikkunsidrati postijiet oħra fl-Irlanda.

8.15.3. Il-Kunsillier JH qal li meta hu kien ippropona li jsir ġemellaġġ ma' Pompei, il-Kunsill kien iddeċieda li l-ġemellaġġi ma jsirux jekk ma jkunx hemm affinita. Huwa qal li wieħed għandu jimxi bl-istess kappell ma' kull proposta.

8.15.4. Is-Sindku qal li għalkemm hu jippreferi Dublin, kien ikkunsidra Dunleer għaliex ir-rabta tal-Floriana mal-Irlanda hija waħda kbira.

8.15.5. Il-Kunsillier JH qal li Pompei huwa post storiku ħafna wkoll.

8.15.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li filwaqt li hi m'għandix oġġezzjoni għall-ġemellaġġi in ġenerali, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara li ma jkomplux jintefqu iktar flus f'ġemellaġġi. Is-Sindku u s-SE qalu li l-Kunsill ma setax jonfoq iktar minn €3000 fis-sena fuq ġemellaġġi.

8.15.7. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku NH, u issekondata mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni biex il-Kunsill jipprova jagħmel ġemellaġġ ma' Dublin, bir-riżultat kien:

Favur: 5 (NH, JAE, SSH, JH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.15.8. Il-Kunsillier JH qal li hu ġenwinament tkellem hekk għax ħass li meta ressaq proposta hu, kien intqal li m'hemmx flus u jħoss li setgħet ġiet trattata b'mod differenti.

8.15.9. Il-Kunsill qabel li l-proposta għall-ġemellaġġ ma' Pompei għandha titressaq fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 8.16 STIMA FOOTBALL PITCH KG5 / PROPOSTA PADEL

8.16.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li trid tittieħed deċiżjoni jekk hux se jsir piċċ tal-padel jew tal-futbol.

8.16.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jsir piċċ tal-futbol.

8.16.3. Il-Kunsill iddiskuta l-alternattivi għall-fencing minħabba li l-ispiża għal dan kienet ġiet wisq għalja.

8.16.4. Il-Kunsillier JH qal li hemm bżonn li jsir il-membrane taħt l-art minħabba li l-konkos kien inqasam.

8.16.5. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistax ikun hemm persuna li tiftaħ u tagħlaq il-piċċ.

8.16.6. Il-Kunsill iddiskuta l-possibbiltà li d-dawl tal-piċċ jibda' jintefa' bil-lejl.

8.16.7. Is-Sindku qal li nnota li l-ġonna ma kienux qed jingħalqu filgħaxijiet u qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

8.16.8. Is-Sindku talab li l-Kunsill jiltaqa' mal-Perit rigward il-BOQ u materji oħra relatati mal-Periti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 8.17 TIŻJIN TAL-MILIED FI PJAZZA / TRIQ SANT' ANNA

8.17.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li jinsab iddiżappuntat rigward l-armar ta' Triq Sant' Anna. Huwa qal li t-tiżjin li l-Kunsill kien ġie mwiegħed ma kienx sar u ma kien sar l-ebda tiżjin fi Pjazza Sant' Anna. Huwa qal li dan kien bi ksur tal-ftehim li l-Kunsill għandu mal-organizzaturi.

8.17.2. Is-Sindku staqsa wkoll jekk kien ġie mħallas id-depożitu li kien mitlub mal-kuntratt. Il-Kunsillier JH wieġeb li l-organizzatur kien ġie biex iħallas dakinhar.

8.17.3. Il-Kunsillier JH qal li għandu jitkellem mal-organizzatur fuq id-dawl u qal li għandu jitwaħħal meter temporanju l-Erbgħa ta' wara.

8.17.4. Is-Sindku staqsa minn fejn qed jiġi d-dawl nelfrattemp. Il-Kunsillier JH wieġeb li kienu inkrew generators.

8.17.5. Il-Kunsillier JH qal li f'isem l-organizzatur kien talab li jitħallas depożitu ta' €2500 minflok €5000 kif maqbul preċedentement peress li d-dawl ma kienx ser jingħata mil-Kunsill.

8.17.6. Il-Kunsillier JH qal li sa l-għada għandhom jeħlu l-gandlieri kollha peress li ser ikun bnazzi minħabba li l-kuntratturi ma ħadmux minħabba l-maltemp.

8.17.7. Il-Kunsillier JH qal li jekk il-Kunsill se jannulla l-kuntratt mela għandu jkun informat ħalli fil-kas jibda' jitneħħa kollox minn Ġnien Sir Luigi Preziosi.

8.17.8. Il-Viċi Sindku JAE qal li wieħed ma setax jirraġuna hekk u qal li għalkemm jiddispjaċih għall-ispejjeż li qed ikollu jassorbi l-Kunsillier JH, jibqa' l-fatt li jrid ikun hemm pjan għall-ispejjeż u x-xogħlijiet marbuta ma' tali attività. Huwa kompla billi qal li dawn ma kienux il-ħtija tal-Kunsill.

8.17.9. Il-Kunsillier JH qal li l-Kunsill lanqas għen fir-reklamar jew fil-promozzjoni tal-attività minkejja li qatt ma kien hemm attività simili f'dawn il-ġonna.

8.17.10. Huwa kompla billi qal li l-operatur tal-gabbana informah li kellu ordni mill-Kunsill biex ma jtihx ilma u għalhekk kellu jġib bowser. Is-Sindku NH qal li dan ma kienx minnu.

8.17.10.1. Is-SE talab lill-Kunsillier JH biex jissostanzja dak li qed jgħid u jġib provi għax l-ilma huwa tal-operatur u mhux tal-Kunsill.

8.17.11. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed ikun pjuttost ġeneruż miegħu. Huwa kompla billi qal li kien ingħata parir li l-Kunsillier JH lanqas ikun preżenti fid-diskussjonijiet li jikkonċernaw din l-attività.

8.17.12. Il-Kunsillier JH qal li hu kien lest joħroġ mil-kamra iżda talab li l-Kunsill jieħu vot.

8.17.13. Is-SE qal li jrid jagħmilha ċara li d-deċiżjonijiet kollha li kien ikkomunika kienu biex jissalvagwardja l-interessi tal-Kunsill u xejn iktar, kif inhu d-dmir tiegħu. Fir-rigward l-allegazzjoni tal-Kunsillier JH rigward l-ilma, huwa qal li l-Kunsillier JH għandu jġib iktar informazzjoni fuq min mill-Kunsill ta din l-ordni.

8.17.14. Is-SE kompla billi qal li l-istruzzjoni li kien ta hu kien fir-rigward tad-dawl fejn kien esiġa li l-kamra tad-dawl ma tinfetaħx u li ma jingħatax dawl għat-tali attività.

8.17.15. Is-SE qal li fir-rigward tal-armar tad-dawl u l-biżgħa li l-kuntratturi jieħdu xokk waqt li qed jarmaw, huwa qal li meta jkun qed isir kwalunkwe xogħol fuq dawl, il-main għandu dejjem jintefa biex b'hekk ma jkunx hemm riskju ta' xokkijiet. Huwa żied jgħid li t-temp kien l-istess għal kull lokalità biss kull lokalità kienet ġiet armata bid-dawl tal-Milied.

8.17.16. Is-SE qal ukoll li ġaladarba l-Kunsillier JH kien iddikjara li m'għandux x'jaqsam ma' din l-attività, qatt ħadd mill-organizzaturi ma kien ikkomunika mal-Kunsill rigward id-dawl jew xi nuqqas ieħor.

8.17.17. Is-SE qal li l-organizzatur kien ġie dakinhar u kien talab li jħallas nofs il-garanzija miftehma fil-kuntratt minħabba li mhux se jittieħed dawl mil-ġnien. Huwa qal li l-garanzija m'għandha x'taqsam xejn mal-konsum tad-dawl iżda hija relatata mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Is-SE qal li kien elenka miegħu id-diversi klawsoli li nkisru mil-kuntratt inkluż id-diversi affarijiet li ilhom tant jintalbu bħar-risk assessment, polza tal-assigurazzjoni, il-pjan tal-layout, eċċ. Huwa qal li dawn huma affarijiet li kellhom jiġu ppreżentati qabel l-iffirmat tal-kuntratt.

8.17.18. Is-SE ikkonkluda billi għamel riferenza għall-promozzjoni u qal li l-Kunsill qatt ma ippromwova attivitajiet ta' kuntratturi oħra u li kieku dan sar, kien jinħoloq preċedent.

8.17.19. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju hu ma kienx ser jitlob li l-kuntratt jiġi null iżda l-organizzatur kien in breach tal-kuntratt.

8.17.20. Il-Kunsillier JH staqsa li jekk il-Kunsill xorta ser jitlob €5000 garanzija, meta huma kienu ser iħallsu iktar spejjeż minħabba d-dawl, jekk il-kuntratt hux ser jibqa' in vigore għall-ħames snin li ġejjin.

8.17.21. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsillier JH għandu jibda' jonora l-kuntratt u jassigura li għalkemm beda fuq sieq ħażina, jkompli jameljora u jtejjeb il-pjan għax hemm wisq affarijiet li ma ġewx onorati.

8.17.22. Is-SE qal li skont il-kuntratt li ffirma l-Kunsill, il-garanzija għandha tinżamm minħabba li l-ftehim li sar kien ġie miksur. Huwa żied jgħid li l-garanzija mogħtija ma setgħetx tissarraf u ġimgħa wara, kienet għadha ma waslitx għand il-Kunsill. Huwa qal li għalhekk il-Kunsill għandu f'idejh kuntratt li legalment huwa null u li l-garanzija mogħtija mill-organizzaturi ma setgħetx tiġi msarrfa. Huwa qal li l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni ta' kif ser jipproċedi fuq dan u x'ser jiġri rigward il-garanzija.

**Nota: 19:53 Il-Kunsillier JH talab li jkun skużat.**

8.17.23. Wara li kompliet id-diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni, issekondata mill-Viċi Sindku JAE, biex il-garanzija tasal għand il-Kunsill permezz ta' flus kontanti jew transfer fil-bank, sa mhux aktar tard min-nhar l-Erbgħa f'nofsinhar. F'każ li dan ma jsirx, allura l-ftehim ser jiġi meqjus *null and void* bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu. Ittieħed vot favur din il-mozzjoni, bir-riżultat kien:

Favur: 3 (NH, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

**Nota: 20:01 Il-Kunsillier JH irritorna għal-laqgħa.**

## 8.18 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

8.18.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:05 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 13 ta' Jannar 2025**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv